kotba tal-"Bolla Kruċjata", jidher li kien stampat f'Palermo (4). In-nefqa kollha li sewa dan il-ktieb, tħallset mill-Ordni, mid-Dipartiment tal-Bolla Kruċjata.

Mal-kotba tal-għamla li qed insemmu jinsab ieħor bil-Latin, li għalkemm juri li ħareġ fl-1754, ma jistax ikun li stampawh f'din is-sena. Dan il-ktieb żgħir, ta' 36 paġna, iġib l-armi ta' xi uħud mill-Gran Mastri u ta' xi Kavalieri, b'dak li għamlu u meta mietu. Il-kittieb tiegħu hu P.A. De Vignier.

Tassew li fil-frontispizju jġib "Melitae. Anno Domini M.DCC.LIV", iżda fl-aħħar tiegħu nsibu msemmi wkoll lill-Balliju Fr. Jac. Francesco De Chambray, fejn jingħad li dan miet hawn Malta, fit-8 ta' April, 1756, meta kellu 70 sena.

Mela, ladarba dan il-ktieb jasal li jsemmi wkoll is-sena tal-1756, ma seta' jkun qatt minnu li deher fl-1754. Għalhekk ikollna naħsbu li l-ħtija ta' dan kollu huwa biss għelt ta' l-istampa, billi tħawdulu l-aħħar żewġ numri rumani. Irridu nifissru ruħna li dawn inqalbu u ġew IV (erba'), flok VI (sitta). U b'hekk tnissel l-għelt li għedna.

L-aħħar wieħed li ħareġ mis-sensiela ta' kotba tal-għamla li qed insemmu, deher taħt l-isem ta' "Serenata da doversi cantare a dì 30 aprile 1756. In Malta, nella Gran Piazza del Palazzo. In Malta, 1756. Nella Stamperia di Sua Altezza Eminentissima."

Kienet dedikata lill-Gran Mastru Pinto, mill-Kmandatur F. Bernardino de Marbeuf, Logutenent tal-Venerandu Gran Teżorier u Kaptan tal-Belt. Il-poeżija tagħha miktuba minn Ġannikol Muscat, Lawrjat fil-Filosofija. U l-mużika mir-Rev. Fra Ġużepp Sammartin, Maestro di Kappella tal-Knisja l-kbira Konventwali ta' San Ġwann.

Għalkemm dal-ktieb żgħir ħareġ fl-1756, is-sena li fiha daħlet l-Istampa fi Gżiritna, ma kienx stampat f'Malta, għax kienet drawwa li dawn is-Serenati jistampawhom xi żmien qabel, biex jilqu jitqassmu fl-idejn għal dak in-nhar li jsiru. U billi din kellha tintagħmel f'April, xahar li fih l-Istamperija ta' l-Ordni kienet għad ma bdietx taħdem, ma setgħux jistampawh hawn. Terġa', jissokta jwettaq dan li għedna mhux biss għax ma jinsabx

(4) Ark. ta' l-Ordni, Libro Maestro B, taħt il-jum 30 ta' Ottubru, 1750, u Vol. 1887, faċċ. 180.



imniżżel fil-kotba ta' l-Istamperija ta' l-Ordni, imma wkoll għax iġib, fil-frontispizju tiegħu, li hu ħareġ mill-Istamperija ta' S.A. Eminentissima, fil-waqt li dawk il-kotba li bdew joħorġu minn hawn Malta, kollha jġibu li kienu joħorġu mill-Istamperija ta' S.A.S. Irridu nfissru ruħna, li flok "Eminentissima", kienu jġibu 'Serenissima"' (5).

Dawn li semmejna kienu l-kotba kollha li ġew f'idejna bil-frontispizju tagħhom li juri ħaġa b'oħra. Tabilħaqq, din l-għamla ta' kotba ftit li xejn ma għandha x'taqsam ma' l-Istampa f'Malta; iżda, ladarba dawn fettlilhom iġibu u jdeffsu isem Artna fihom, dehrilna li hu xieraq li wieħed jagħti ġabra wkoll ta' dawk il-kotba kollha li jsemmu lill-Gżiritna fil-batal.

*(Jissokta)*

## TFAJJEL SAJJIED

### TA' VINCENT CARUANA

Rajtek taqbad it-tmun b'idejn ta' saħħa,
U waħdek tmexxi l-qlugħ bil-ħsieb u r-rieda.
Kull mewġa b'għaqal kbir toħodha magħha;
Sthajjiltkom dħaltu int u l-mewġ fi ġlieda.

Rajt mewġa tqum bil-qawwa kollha tagħha,
Imm' inti taf is-sengħa tas-sajjieda,
W għalhekk għaraft il-mewġa kif tirbaħha,
Li setgħet sa ftit qabel tkun qerrieda.

Nixtieq li bħalek fija wkoll tinbena
Il-qawwa li wasslitek f'xatt il-bajja
Rebbieħ bil-qlugħ, bla tibża' li tinfena.

U bħalek ngħid: Ha jiġi l-mewġ bil-qtajja'.
Jien issa rrid nitgħallem dik is-sengħa,
Li nidra nirbaħ biha l-Mewġ tal-Ħajja.

(5) A.A. Gauci, fil-kitba tiegħu, ma jsemmiha xejn din is-Serenata Billi raha li ġġib is-sena 1756, ħaseb li, billi l-Istamperija ta' l-Ordni bdiet taħdem fi Gżiritna fl-1756, stampawha f'Malta